Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 122 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industriji tax-Xorb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabilità.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 biex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-Industriji tax-Xorb.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha fi kwalunkwe impriża jew parti minnha, li n-negozju tagħha jikkonsisti totalment jew prinċipalment fl-ibbottiljar jew fil-produzzjoni ta' spirti distillati, imbejjed, likuri tax-xgħir, soft-drinks u xorb bil-karbonat u fi kwalunkwe attività oħra kemm-il darba din tkun inċidentali jew anċillari għall-imsemmija attività tal-impriża inklużi, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-segwenti:

(a) l-iddistillar tal-alkoħol *ethyl* għall-għanijiet kollha, l-iddistillar, it-tisfija u t-taħlit ta' likuri alkoliċi;

(b) il-produzzjoni ta' nbejjed, cider, perry jew xorb ieħor fermentat;

(ċ) il-produzzjoni ta' xgħir jew likuri tax-xgħir bħal, birra bajda, birra porter u birra sewda;

(d) il-fabbrikazzjoni ta' xorb li ma huwiex alkoliku, bħal soft-drinks u ilma minerali bil-karbonat:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv li japplika għall-klassi ta' ħaddiema li huma koperti b'dan l-ordni, għandhom jipprevalu l-kondizzjonijiet li huma l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma

teħtieġx xort'oħra:-

Kap. 452.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, minbarra l-Ħdud, iddikjarati fi kwalunkwe waqt bħala festi pubbliċi skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ħaddiem ta' barra" tfisser persuna mpjegata prinċipalment barra mill-fabbrika fit-tqassim u l-konsenja tal-prodotti tal-prinċipal u fil-ġbir tal-fliexken u kaxex vojta tal-prinċipal;

"ħin doppju" tfisser id-doppju tar-rata minima tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs ir-rata minima ta' ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatati mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

"ħaddiem bix-xift" tfisser ħaddiem li jkun regolarment impjegat fuq xogħol bix-xifts ta' bi nhar u ta' bil-lejl alternati, fuq bażi ta' ċiklu regolari.

Ħinijiet tax-xogħol.

3. Ir-remunerazzjoni minima fil-ġimgħa għandha tkun marbuta ma'ġimgħa ta' mhux aktar minn:

(a) erbgħin (40) siegħa xogħol fil-każ ta' impjegati whole-time, minbarra għassiesa, u

(b) tnejn u ħamsin siegħa (52) xogħol mifruxa fuq ġimgħa ta' sitt (6) ijiem, fil-każ ta' għassiesa.

Pagi minimi ta' impjegati whole-time.

4. Il-paga minima fil-ġimgħa li għandha titħallas lill-impjegati whole-time, irġiel u nisa, għandha tkun dik li tidher hawn

taħt:

(a)	għassiesa	€298.27 x €0.58c -
.....		€299.43
(b)	impjegati oħra	€232.35 x €0.58c -
.....		€233.51:

Iżda meta r-remunerazzjoni tkun inkrementali, iż-żieda għandha tingħata kull sena.

Allowance għall-uniformi.

5. (1) Fejn l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu, il-prinċipal għandu jipprovdi tali uniformi mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 424.21.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mingħajr ebda ħlas mill-prinċipal.

Ħin minimu ta' mistrieħ kuljum.

6. L-impjegati whole-time, minbarra l-għassiesa, għandhom ikunu intitolati għal intervalli ta' kuljum għall-ikel u l-mistrieħ:

(a) mhux anqas minn siegħa (1) fl-aggregat fil-każ ta' ħaddiema ta' ġewwa;

(b) mhux anqas minn siegħa u nofs (1½) fl-aggregat fil-każ ta' ħaddiema ta' barra.

Mistrieħ minimu fil-ġimgħa. L.S. 452.87.

7. L-impjegati kollha huma intitolati għal perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Ir-rati minimi ta' sahra.

8. (1) L-impjegati whole-time, minbarra l-għassiesa, ħaddiema ta' barra u ħaddiema bix-xift għandhom ikunu intitolati għal remunerazzjoni b'rati ta' sahra kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi erbgħin siegħa (40) fi kwalunkwe ġimgħa kalendarja ..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi tmien sigħat fi kwalunkwe ġurnata f'ġimgħa ta' ħamest (5) ijiem..... ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi tmien (8) sigħat fi kwalunkwe ġurnata f'ġimgħa ta' ħamest ijiem u nofs (5½)..... ħin u nofs;

(d) għall-ħin kollu li jinħadem fi kwalunkwe festa tas-soltu, meta dik il-ġurnata taħbat f'xi ġurnata minbarra s-Sibt jew il-Ħadd ..... ħin u nofs;

B 1250

(e) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud jew meta kwalunkwe festa tas-soltu taħbat is-Sibt..... ħin doppju:

Iżda kwalunkwe sahra dovuta skont id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafi (b) jew (ċ) għandha titħallas biss jekk it-total tal-ħin maħdum fi kwalunkwe ġimgħa kalendarja ma jkunx ta' anqas minn erbgħin (40) siegħa:

Iżda wkoll kwalunkwe tnaqqis ta' sigħat ma għandux ikun attribwibbli għal ordni ta' min iħaddem jew għal festa tas-soltu li taħbat f'jum tax-xogħol.

(2) Ħaddiema ta' barra whole-time jista' jkollhom dritt għal remunerazzjoni għal sahra fuq bażi ta' kummissjoni:

Iżda dik ir-remunerazzjoni għal sahra tista' titpatta b'xi kummissjoni mħallsa lill-impjegat sakemm l-ammont ta' dik il-kummissjoni ma jkunx inqas mir-remunerazzjoni għal sahra li jkollha titħallas lilu bir-rati li ġejjin:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem, li jeċċedi erbgħin siegħa f'xi ġimgħa kalendarja..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem fi kwalunkwe festa tas-soltu, meta dik il-ġurnata taħbat f'xi ġurnata minbarra s-Sibt u l-Ħadd ..... ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud jew meta kwalunkwe festa tas-soltu taħbat is-Sibt ..... ħin doppju.

(3) Ħaddiema bix-xift għandu jkollhom id-dritt għal rati ta' remunerazzjoni għal sahra kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi erbgħin siegħa (40) fi kwalunkwe ġimgħa kalendarja ..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem fi kwalunkwe festa tas-soltu, meta dik il-ġurnata taħbat f'xi ġurnata minbarra l-Ħadd ..... ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu li jinħadem il-Ħadd li jkun iżjed minn erbgħin (40) siegħa f'ġimgħa kalendarja ..... ħin doppju.

(4) L-għassiesa għandhom ikunu intitolati għal remunerazzjoni

għal sahra kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi tnejn u ħamsin siegħa (52) fi kwalunkwe ġimgħa kalendarja ..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem fi kwalunkwe festa tas-soltu, inklużi l-Ħdud, li jeċċedi tnejn u ħamsin siegħa (52) f'ġimgħa kalendarja ..... ħin doppju.

9. Impjegat għandu jedd għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

10. (1) Impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata leave għall-mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave tal-mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Leave għal mard. Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kwalunkwe talba għal-leave tal-mard għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza, lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba fil-leave għall-mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) Il-jeddijiet tal-leave għal mard skont dan il-paragrafu għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg:

Iżda dawn il-jeddijiet għandhom jiġu maħduma *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(3) Meta impjegat whole-time ikun ilu fl-impjieg għal anqas minn tnax (12)-il xahar matul is-sena kalendarja, ikollu jedd għal dik

il-parti ta' leave għall-mard imsemmi, fi proporzjon għan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impjieg.

(4) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib tiegħu li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(5) Id-dritt ta' leave għall-mard mogħti għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikata fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Tipi ta' Leave oħra.

L.S. 452.101.

11. L-impjegati huma intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa u għal kull forma oħra ta' leave skont r-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kwalunkwe forma ta' leave ieħor li minn żmien għal żmien jista' jiġi stipulat f'xi Ordni ta' Standard Nazzjonali jew regolamenti magħmula taħt l-Att.

Tħassir u riżervi.
L.S. 452.17.
L.S. 452.60.

12. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi dwar l-Industriji tax-Xorb u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industriji tax-Xorb biex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.